16 ta' April, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmela Mallia *versus* Onor. Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier ne.

## Rekwiżizzjoni — Notifika — Ittra Uffiċjali — Nullità — Art. 2 u 8 (2) ta' l-Att II ta' l-1949

*Ir-rekwiżizzjoni ta' fond tista' ssir, u hija perfetta, anki bis-sempliċi teħid ta' pussess tal-bini, u għandha tiġi operata fil-konfront tal-persuna li tkun fil-pussess tal-istess bini; u huwa biżżejjed li l-ordni tar-rekwiżizzjoni jiġi notifikat lill-persuna li mill-pussess tagħha jiġi meħud il-bini bir-rekwiżizzjoni. Din in-notifika hija sufficjenti biex tirrendi valida r-rekwiżizzjoni, u dak l-ordni mhux null billi ma jiġix notifikat lis-sid tal-bini jew lil min ikun jagħmel minnu.*

*Anki jekk l-ittra uffiċjali li ssir wara r-rekwiżizzjoni biex is-sid jirrikonoxxi bħala inkwilin tal-fond rekwiżizzjonat lill-persuna li tkun ġiet akkomodata f'dak il-fond tkun **nulla**, din il-pretiża nullità ma ġġibx magħha l-invalidità tar-"**Requisition Order**", li hu att separat u distint għal kollox minn dik l-ittra uffiċjali.*

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Carmela Mallia kif fuq assistita, fejn, wara li esponiet illi r-Reconstruction Secretary ħareġ ordni ta' rekwiżizzjoni numru 11162 għall-fond numru 71 Pawla Street, Pawla, li ġie notifikat *lill*-esponenti Carmela Mallia, bla ebda assistenza maritali; u l-esponenti, b'ittra uffiċjali tal-11 ta' Novembru 1953 (dok. A), ġiet interpellata skond il-Housing Act ta' l-1949 biex tirrikonoxxi bħala inkwilin ta' dak il-fond lil Emmanuele Psaila, li lilu dak il-fond ġie assenjat mir-Reconstruction Secretary; anki dik l-ittra uffiċjali ġiet diretta lill-esponenti bla assistenza maritali; illi l-esponenti ma tistax tirrikonoxxi lill-imsemmi Emmanuele Psaila bħala inkwilin tal-fond, għaliex, billi hija mara miżżewġa, l-amministrazzjoni tal-fond tmiss *lil żewġha* Francesco Mallia, li ma ġiex notifikat bl-ebda ordni ta' rekwiżizzjoni; li dana għalhekk ma jiswiex u l-fond għandu jitqies bħala liberu, u l-imsemmi Psaila bħala intruż fil-fond; illi difatti l-kera tal-fond imiss lil Francesco Mallia, li huwa l-kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u għalhekk skond il-liġi huwa biss għandu l-amministrazzjoni u d-disponibbiltà tal-fond; illi, apparti l-premess, il-persuna li lilha ġie allokat il-fond hija oġġezzjonabbli, ......; talbet li, prevja, jekk hemm bżonn, *dikjarazzjoni tan-nullità tal-ordni tar-rekwiżizzjoni* u ta' l-ittra uffiċjali sussegwenti, jiġi dikiarat li ma hix obligata li tirrikonoxxi lil Emmanuele Psaila bħala inkwilin tal-fond kif mitlub fl-imsemmija ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi d-domanda hija bażata fuq żewġ motivi; l-ewwel, illi r-Requisition Order huwa null għaliex ġie notifikat biss lir-rikorrenti, u mhux lill-żewġha, li hu l-amministratur tal-fond in kwistjoni; u t-tieni, illi l-persuna li lilha ġie assenjat il-fond ......;

Illi, rigward l-ewwel motiv, għandu jiġi rilevat illi r-rekwiżizzjoni tista' ssir, u hija perfetta, anki bis-sempliċi teħid ta' pussess ta' bini (art. 2 ta' l-Att II, 1949), u għandha tiġi operata fil-konfront tal-persuna li tkun fil-pussess ta' l-istess bini (ara *dispożizzjoni ċitata*). *Jekk, imbagħad*, rekwiżizzjoni tittieħed fis-sens kompriż ukoll fid-definizzjoni skond l-art. 2 fuq ċitat, jiġifieri "require the building to be placed at the disposal of the requisitioning authority", jibqa' dejjem illi, skond l-istess liġi, "rekwiżizzjonat" hija l-persuna li mill-pussess tagħha jkun meħud il-bini bir-rekwiżizzjoni; u għalhekk l-ordni relattiv għandu jiġi notifikat lil dina l-persuna, peress li r-rekwiżizzjoni toħloq rapporti ġuridiċi bejn l-awtorità rekwiżizzjonanti u d-detentur tal-fond. Konferma ta' dan tinsab fl-art. 8(2) tal-liġi fuq ċitata;

Illi, ma jidherx kontestat illi r-Requisition Order ġie notifikat lill-inkwilin tal-fond Anthony Vella, li in segwitu *rrinunzja għall-inkwilinat, skond dikjarazzjoni tiegħu fol.* 27; u għall-finijiet tal-liġi, dina n-notifika kienet suffiċjenti biex tirrendi valida r-rekwiżizzjoni;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rekwiżizzjoni tal-fond mhix nulla; mhux għaliex l-ordni ġie, kif kellu jkun, notifikat lill-persuna li kienet allura fil-pussess tal-fond, imma anki għaliex l-awtorità rekwiżizzjonanti ħadet pussess ta' l-istess fond, bil-konsegwenza li l-allegata pretiża nullità derivanti minn nuqqas ta' notifika lir-raġel tar-rikorrenti, anki jekk talvolta setgħet tkun meħtieġa (ħaġa li fil-każ ma tidherx), ma tinfiċjax il-validità tar-rekwiżizzjoni, ġa perfetta fil-konfront tad-detentur tal-fond;

Illi, rigward in-nullità ta' l-ittra uffiċjali ta' l-11 ta' Novembru 1953, opposta mir-rikorrenti minħabba li saritilha mingħajr l-assistenza ta' żewġha, għandu jiġi rilevat li fis-27 ta' Jannar 1954 l-intimat għamel ittra uffiċjali oħra lir-rikorrenti u lill-żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u b'hekk issana d-difett preċedenti; del resto, il-pretiża nullità ta' l-ittra uffiċjali ma ġġibx magħha l-invalidità tar-Requisition Order, li hu att separat u distint minnha għal kollox;

Illi, kwantu għat-tieni motiv............;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità tar-Requisition Order u ta' l-interpellazzjoni uffiċjali rikjesta mill-liġi;

U konsegwentement tiċħad it-talba dedotta fir-rikors.